# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR. SILVIO MELI**
**LL.D.; Dip.Stud.Rel.; Dip.Can.Matr. Jur. & Proc.;**
**Cert.Jur. & H.R. (Strasbourg);**
**P.G. Dip. European Competition Law (King's College, London),**
**P.G. Dip. European Law (King's College, London).**

**Seduta ta' nhar il-Hamis 15 ta' Marzu tas-sena 2001.**

**Numru   28**

**Avviz  numru      823/99/SM**

**Carmelo Gatt**

**vs**

**Kevin Aquilina**

**Il-Qorti,**

**Rat l-avviz fuq indikat datat it-2 ta' Gunju ta' l-1999 li permezz tieghu l-konvenut gie msejjah quddiem din il-qorti biex jghid ghaliex m'ghandux ikun ikkundannat:**

1. **Ihallas lill-attur dik is-somma li tigi likwidata in linea ta' danni fl-incident awtomobilistiku tat-30 ta' Awissu, 1998u, f'St. Thomas Street, Luqa, ghall-liema incident hu kien unikament responsabbli;**

2. **Bl-interessi u bl-ispejjez, komprizi dawk tal-ittra ufficjali tat-23 ta' Ottubru 1998 u tal-atti legali tat-18 ta' Dicembru 1998, 14 ta' Jannar 1999, 5 ta' Frar 1999, 15 ta' Marzu 1999, kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni;**

3. **Illi ghall-fini ta' kompetenza jigi dikjarat li l-ammont trad-danni ma jeccediex l-elf lira Maltija (LM1000);**

**Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet datata t-2 ta' Novembru ta' l-1999 li permezz taghha l-konvenut eccepixxa s-segwenti:**

1. **Illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjes kontra l-attur stante li l-incident awtomobilistiku ma sehhx tort tal-eccipjenti izda unikament tort ta' Charles Gatt, is-sewwieq awtorizzat mill-attur, minhabba imperizja, traskuragni u nuqqas ta' osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-istess Charles Gatt hekk kif ser jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza u ghalhekk id-danni ghandhom jigu sopportati mill-attur;**

2. **Salv eccezzjonijiet ulterjuri;**

**Semghet ix-xhieda prodotta;**

**Ezaminat id-dokumenti esebiti;**

**Semghet it-trattazzjoni orali tar-rapprezentant legali ta' l-attur biss stante li dak tal-konvenut baqa' indadempjenti l-obbligu tieghu assunt fl-udjenza ta' l-14 t'Ottubru tas-sena 2000;**

**Ikkonsidrat:**

**Illi l-fatti li taw lok ghall-procedura odjerna jistghu jigu sintetikament elenkati bil-mod segwenti:**

1. **Illi l-incident in dizamina sehh kif indikat fl-avviz odjern bejn il-vetturi hemm indikati li kienu misjuqa mill-partijiet;**

**2. Illi l-attur kien qed isuq bi speed normali minn Hal-Qormi fid-direzzjoni ta' Hal-Luqa;**

**3. Illi meta l-attur wasal hdejn il-gibjun ta' Hal-Luqa ra lill-konvenut gej bi speed qawwi mid-direzzjoni opposta, rah jaqsam it-triq ghad-direzzjoni ta' l-attur, u b'hekk sehhet il-kollizjoni;**

**4. Illi l-impatt kien wiehed qawwi tant li mad-daqqa l-vettura ta' l-attur spiccat thares fid-direzzjoni opposta ghal dik li kienet fiha originalment, bil-vettura tal-konvenut trispicca l-boghod minnha;**

**5. Illi meta l-konducenti tal-vetturi de quo tkellmu flimkien a tempo vergine l-attur isostni li l-konvenut kien qallu li kien skidja u tilef il-kontroll tal-vettura tieghu;**

**6. Illi d-danni sofferti mill-attur jammontaw ghal disa' mija u hamsa u tletin Lira Maltin u hamsin centezmu, (LM935.50,0), kif jidher mid-dokumenti annessi fl-istess process li bl-ebda mod ma gew kontradetti;**

**Illi ghandu jigi konstatat li ghalkemm il-konvenut kellu l-opportunita' jressaq il-veduti tieghu quddiem din il-qorti jidher li ghazel li ma jghamilx hekk;**

**Ghaldaqstant, din il-qorti tqis li l-attur ipprova l-kaz tieghu skond il-ligi u:**

**1. Tiddikjara lill-konvenut Kevin Aquilina unikament responsabbli ghall-incident in dizamina;**

**2. Tillikwida d-danni fl-ammont ta' disa' mija u hamsa u tletin Lira Maltin u hamsin centezmu, (LM935.50,0);**

**3. Tordna lill-konvenut Kevin Aquilina jhallas lill-attur Carmelo Gatt l-ammont hekk likwidat indikat fil-paragrafu precedenti, bl-ispejjez.**

Avviz Nru:  823/99/SM

**John Farrugia**
**Deputat Registratur**